MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 33/2009/1

**Richard Grech**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-Avukat Generali minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fid-19 ta' Frar, 2010 li ddecidiet il-kawza hekk:

“Tiddecciedi billi fl-ewwel lok tichad is-sottomissjonijiet tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-istat ta’ arrest tar-rikorrenti u d-digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-4 ta’ Marzu 2009 rigwardanti l-kundizzjoni imposta dwar il-liberta` provizorja u cioe` l-kundizzjoni ta’ plegg tajjeb bil-miktub ghas-somma ta’ hamsin elf Ewro (€50,000), huma llegali u jmorru kontra d-dispost tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Tordna li r-rikorrenti jinghata l-liberta provizorja bil-kundizzjonijiet kollha kif indikati fl-imsemmi digriet tal-4 ta’ Marzu 2009, ad eccezzjoni tal-kundizzjoni numru (viii) li qed tigi kompletament imhassra.

“In vista tan-natura tal-kawza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci s-sentenza tal-ewwel Qorti *in toto* peress illi fiha t-talbiet tar-rikorrenti, ir-risposta tal-intimat, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

“Il-Qorti

“Rat ir-rikors kostituzzjonali ta’ Richard Grech fejn gie premess:-

“Illi huwa qieghed jistenna sabiex jghaddi guri akkuzat inter alia b’omicidju volontarju.

“Illi permezz ta’ rikors tieghu quddiem il-Qorti Kriminali (Att ta’ Akkuza numru 27/07), l-esponent talab sabiex jinghata l-liberta` provvizorja filwaqt li ppremetta illi:-

“(1) huwa kien qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest (moghti lilu fit-12 ta’ Marzu 2004) u fost il-kundizzjonijiet imposti fuqu fl-ghoti tal-helsien provizzorju, huwa kellu jirrisjedi ma’ ommu.

“(2) illi minhabba xi dizgwid familjari li nqala’ huwa ma setax jottempera ruhu aktar ma’ dik il-kundizzjoni u ghalhekk rega’ gie arrestat.

“(3) illi mid-data tal-arrest tieghu sal-lum, ic-cirkostanzi tal-esponenti nbidlu radikalment stante illi fit-30 ta’ Awwissu 2008 huwa zzewweg lil Josianne Grech, li minnha ghandu tifel li jismu Glieven.

“(4) illi l-istess mart u iben l-esponenti jirrisjedu fl-indirizz, 29, Triq A. Cuschieri, Fleur de Lys, Birkirkara.

“(5) illi l-istadju tal-kumpilazzjoni u l-gbir tal-provi fil-konfront tal-esponent gie konkluz tant li anke hareg l-att ta’ akkuza kontra l-esponenti, u ghalhekk ma huwiex il-kaz li l-esponent jista’ jintralcja kwalsiasi provi hekk migbura u kkumpilata.

“(6) illi b’kuntrast ghall-passat, l-esponenti issa ghandu familja u jixtieq li bhal kull missier iehor igawdiha u jqatta’ hin twil ma’ ibnu ckejken.

“(7) illi wara kollox l-esponenti huwa prezunt innocenti skont il-ligi.

“(8) Ghalhekk, fl-isfond tal-fuq espost, ir-rikorrenti talab li tigi koncessa lilu l-liberta` provizorja taht l-istess kundizzjonijiet (li kienu inghatawlu fit-12 ta’ Marzu 2004) salv li minflok li jkun qed jirrisjedi ghand ommu, huwa jirrisjedi ma’ martu fl-indirizz 29, Triq A. Cuschieri, Fleur de Lys, Birkirkara u jkun jista’ johrog mid-dar taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fil-kaz.

“Illi fl-4 ta’ Marzu 2009, l-esponent inghata l-liberta` provizorja taht att ta’ kundizzjonijiet fosthom illi jew igib *pledge* tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) jew alternattivament jiddepozita l-istess ammont fir-registru tal-Qorti, liema kundizzjoni qatt ma kienet imposta meta huwa kien inghata l-liberta` provvizorja fl-2004.

“Illi l-esponent hassu aggravat stante li din il-kundizzjoni qeghditu f’diffikultajiet kbar peress illi kemm hu kif ukoll il-

familjari tieghu m'ghandhomx mezzi biex jipprovdu s-somma ta' €50,000.

"Illi ghaldaqstant l-esponent rega' talab bir-rispett lill-Onorabbli Qorti Kriminali sabiex joghgobha tnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont imsemmi, biex b'hekk huwa jkun jista' jiddepozitaha u jkun tabilhaqq inghata l-fakolta` li jgawdi l-liberta` provizorja tieghu sakemm tinstema' u tigi deciza l-kawza tieghu – liema zmien jidher li mhux ser ikun fil-qrib stante r-ragunijiet li ser jissemmew aktar tard f'dan ir-rikors.

"Illi t-talba tal-esponent saret fid-dawl tal-fatt illi anki f'kawza simili u cioe` f'dik fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Pace** l-imputat Pace li kien tressaq fuq allegazzjoni li kien spara fuq ommu biex joqtolha, kien xorta wahda inghata l-liberta` provizorja bil-kundizzjoni li jiddepozita ammont ta' flus ferm anqas minn dak impost fuq ir-rikorrenti.

"Illi minkejja t-tieni rikors tal-esponent, il-pozizzjoni baqghet l-istess u cioe` illi l-kundizzjoni li tinghata *pledge* ta' hamsin elf Ewro (€50,000) baqghet ma nbidlitx stante li dan ir-rikors gie michud u billi r-rikorrent la kien u la hu fil-posizzjoni li jissodisfa din ir-rikjesta ta' *pledge* tant oneruza, bil-konsegwenza li huwa ghadu sal-lum jinzamm taht arrest, priv mil-liberta` tieghu.

"Illi l-ligi f'dan ir-rigward, taghti numru ta' cirkostanzi li fuqhom il-Qorti li tkun qeghda tikkonsidra t-talba ghal-liberta` provizorja ghandha tibbaza l-kundizzjonijiet li jinghataw sabiex tigi milqugha l-istess talba, senjatament l-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi illi:

""L-ammont tal-garanzija ghandu jkun fil-limiti stabbiliti mil-ligi, skont il-kundizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita` tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett".

"Illi min dan johrog car li wahda mill-konsiderazzjonijiet ewlenin hija dik li tirreferi ghall-kundizzjoni tal-imputat, senjatament kemm fis-sens ta' kundizzjonijiet finanzjarji pero` mhux limitatament ghal dan.

“Illi minbarra konsiderazzjonijiet tal-kundizzjoni finanzjarja tal-akkuzat, (li fiha nnifisha hi gia` bizzejjed biex wiehed jinduna li l-ammont ta’ *pledge* impost mill-Qorti Kriminali kien wiehed li huwa impossibbli li jintlahaq), hija fl-umli opinjoni tal-esponent illi l-frazi ‘kundizzjoni tal-imputat’ ghandha wkoll tigi kkunsidrata f’sens aktar wiesa’ minn sens finanzjarju u cioe` fid-dawl ta’ kundizzjonijiet ohra tal-imputat fosthom;

“1. il-kundizzjoni tal-imputat fid-dawl ta’ kemm ikun ilu taht arrest preventiv u kemm jista’ jibqa’ jdum taht dan l-arrest preventiv qabel ma jibdew il-proceduri biex jinghata l-gudizzju (il-guri f’dan il-kaz).

“2. il-kundizzjoni familjari tal-imputat, (fejn fil-kaz prezenti l-imputat issa ilu ghal numru ta’ xhur mizzewweg u ghandu wkoll iben minn martu u li bhal kull missier iehor, huwa jixtieq iqatta’ kemm jista’ jkun hin ma’ ibnu qabel ma jitressaq ghall-guri stante li huwa prezunt innocenti) liema kundizzjoni familjari timmilita wkoll favur l-imputat stante li tnaqqas bil-kbir, kull biza’ illi l-imputat jipprova jahrab mill-gustizzja).

“Illi ma’ dan kollu jridu jkunu meqjusin cirkostanzi ohra li jistghu jinfluwixxu fuq id-decizjoni dwar jekk tinghatax liberta` provizorja jew le hekk kif rikjest mill-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali u cioe` illi ma jkunx hemm biza’ illi l-imputat:-

“(a) jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew

“(b) jinheba jew jitlaq minn Malta; jew

“(c) ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien; jew

“(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b’xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra; jew

“(e) jikkommetti xi reat iehor.

“Illi f’dan is-sens, il-Qorti Kriminali li minnha inghata d-digriet fejn il-liberta` provizzorja tal-imputat regghet inghatat izda taht kundizzjonijiet godda, ghamlet kif xieraq l-investigazzjoni taghha dwar dawn il-konsiderazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 575 u waslet sabiex tikkunsidra illi l-liberta` provvizorja setghet tinghata (u li cioe` l-imputat kien idoneju ghal-liberta` provizorja).

“Illi ghaldaqstant, hija fl-umli opinjoni tal-esponent illi ladarba l-imputat ikun gie ikkunsidrat illi jista’ jinghata din il-liberta` provizorja, il-logika kellha ssegwi illi sabiex verament l-imputat jinghata tali liberta` anke provizorjament kien ikun ekwu u gust illi jigu stipulati kundizzjonijiet li min-natura taghhom ma jkollhomx bhala unika effett dak illi jkunu ta’ ostaklu konkret ghall-possibilta` li wiehed jikseb tali liberta` provizorja ghax inkella jkun bhal li kieku tali liberta` provizorja ma tkunx qeghda fil-fatt tinghata.

“Illi pero` dan kien ezattament x’gara f’dan il-kaz stante illi wara li gie rikonoxxut illi l-esponenti seta’ jinghata l-liberta` provizorja, giet imbaghad stipulata kundizzjoni li min-natura intrinsika taghha ma tistax tigi kkunsidrata illi kellha xi effett iehor hlief li tikkancella tali possibilita`.

“Illi filwaqt illi r-rikorrenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghall-kundizzjonijiet l-ohrajn stipolati mid-digriet li huma intizi biex jaccertaw illi huwa *qua imputat* igib ruhu konformi mal-obbligazzjonijiet li jiggarantixxu l-imgieba korretta tieghu waqt illi jkun qieghed igawdi tali liberta`, l-imputat pero` jhoss illi l-kundizzjoni li jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) jew alternattivament jiddepozita l-istess ammont fir-registru tal-Qorti, tammonta biss ghal ostaklu insuperabbli, (stante l-ammont), li effettivament jinghata tali liberta` provvizorja.

“Illi kien ghal din ir-raguni illi l-esponent qieghed jaghmel tali rikors stante illi hija fl-umli opinjoni tieghu illi ladarba

gie kkunsidrat illi huwa eligibbli li jinghata l-liberta` provvizorja, ikun kontrosens u kontra d-drittijiet ta' liberta` fundamentali tieghu illi tigi stipolata kundizzjoni li tkun intiza jew li jkollha biss l-effett illi timpedixxi l-godiment tal-ghotja tal-liberta` provizorja.

"Illi mill-kunsiderazzjonijiet maghmulin mill-Qorti li tat id-digriet li qed jigi kkontestat, ghandu johrog bic-car illi l-Qorti ma kienitx qeghda tistipola illi l-imputat ma kellux dritt jinghata l-liberta` provizorja. Dan jigi kkonfermat mis-segwenti osservazzjonijiet maghmulin minn dik il-Qorti nnifisha:-

""Il-Qorti, konxja mill-*impasse* li kien inholoq bil-fatt li din il-kawza ma setghetx tkompli qabel ma jigi deciz il-kaz ta' Joseph Zammit u li l-kaz ta' Joseph Zammit ma setax jinstema qabel ma jigi deciz dan il-kaz (tal-imputat), kienet interpellat lill-Avukat Generali biex jizblokka dan l-*impasse* billi jiddeciedi darba ghal dejjem liema guri ghandu jsir l-ewwel. Din id-decizjoni fil-fatt ittiehdet u l-guri ta' Joseph Zammit gie celebrat u deciz minn din il-Qorti fi Frar 2009. Dan pero` intavola appell li ovvjament mistenni li jiehu certu zmien biex jigi trattat u deciz. Illi b'rizultat ta' dan, ir-rikorrent (u cioe` l-esponent Richard Grech) jista' jibqa' mizmum taht arrest preventiv ghal numru ta' xhur (jekk mhux ukoll snin) sakemm jigi deciz il-kaz tieghu mill-guri."

"Terga' u tghid, peress li dan Zammit jista' jkun xhud determinanti fil-kawza tar-rikorrent (Richard Grech) u llum it-tnejn jinsabu fil-habs ta' Kordin, jizdied mhux jonqos il-periklu tal-intralc tal-provi minhabba l-prossimita` ta' Zammit u r-rikorrenti fil-habs.

"Illi mit-taghrif li kisbet din il-Qorti, minn Josianne Grech jidher illi hi ilha b'relazzjoni mar-rikorrent ghal dawn l-ahhar seba' snin u addirittura kellha tifel minnu hekk kif jirrizulta mill-att ta' twelid esebit.

"L-istess Qorti mbaghad sahansitra waslet ghas-segwenti konkluzjoni:-

"Ghalhekk l-izviluppi godda li sehhew minn Ottubru 2008 l-hawn partikolarment wara l-process ta' Joseph Zammit jimmilitaw biex ir-rikorrent jinghata mill-gdid il-liberta` provizorja.

"Illi kien proprju fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha illi l-esponent imbaghad hassu sorpriz u aktar u aktar aggravat bid-decizjoni tal-Qorti li accettat li tatih il-liberta` provizzorja biex imbaghad inkludiet kundizzjoni li jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) jew alternattivament jiddepozita l-istess ammont fir-registru tal-Qorti, mentri l-Qorti kienet ben konxja li din kienet ser tostakola l-possibilita` li din il-liberta` provvizorja tinghata b'mod effettiv u dan stante l-fatt illi l-esponent ma ghandux il-mezzi biex igib tali plegg.

"Illi l-esponent hassu aggravat b'din il-kundizzjoni wkoll fuq id-dawl tal-fatt illi hekk kif gia` rilevat, huwa kien precedentement ukoll diga` inghata liberta` provizzorja fit-12 ta' Marzu 2004, taht il-kundizzjoni fost ohrajn, li jghix ma' ommu minghajr kundizzjoni li jghamel plegg f'dan l-ammont fi zmien meta l-provi l-anqas biss kienu ghadhom ingabru kollha.

"Illi l-esponent ghaldaqstant umilment ihoss illi huwa kontro-sens illi fl-ewwel lok kien hemm rikonoxximent tal-fatt illi prezentement hemm aktar cirkustanzi li jimmilitaw favur l-ghotja ta' din il-liberta` provizzorja minn meta kienet inghatat il-liberta` provvizorja l-ewwel darba, biex imbaghad giet imposta kundizzjonijiet ghall-ghoti ta' liberta` provvizzorja li huma wisq aktar oneruzi minn dawk moghtija l-ewwel darba.

"Illi hekk kif irrilevat il-Qorti Kriminali fid-digriet taghha tal-4 ta' Marzu 2009 meta harset lejn id-digriet tat-12 ta' Marzu 2004 ghall-helsien mill-arrest, liema digriet kien gie eventwalment revokat, il-Qorti diversament presjeduta ma kienitx irrevokat dan il-helsien mill-arrest ghal xi ksur ta' kundizzjoni imposta fuqu imma ghax fil-fehma taghha kien hemm raguni tajba li jsir hekk.

"Illi pero`, issa u cioe` prezentement, tenut kont tac-cirkostanzi godda illi kollha jimmilitaw favur il-helsien tal-arrest tal-esponent johrog aktar u aktar car illi issa hemm iktar ragunijiet il-ghala l-helsien provizorju mill-arrest ghandu jinghata minn meta din il-liberta` kienet inghatat fl-2004, u dan minghajr ma jkun imxekkel b'kundizzjonijiet illi jirrendu l-ghotja ta' dan il-helsien wahda soggettivament impossibbli ghall-imputat specjalment meta kollox juri illi l-guri tieghu mhux ser isir fi zmien qarib ladarba ghad irid isir l-appell fil-konfront ta' Joseph Zammit.

"Illi fl-isfond tas-suespost, ir-rikorrenti sostna li la darba l-helsien tal-arrest gie moghti, dan ma ghandux ikun ikkondizzjonat b'obbligazzjonijiet li jkunu impossibbli ghall-esponent ghax inkella l-iskop tal-liberta` provizorja jigi stultifikat.

"Illi l-impozizzjoni ta' tali tip ta' kundizzjoni huwa ekwivalenti fil-verita`, ghal ksur ta' dritt fundamentali tal-esponent b'mod partikolari ksur ta' dak provdut mill-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

"Illi b'mod partikolari dan l-artikolu jipprovdi illi:-

*"Release may be conditioned by guarantees to appear for trial."* u cioe` illi l-iskop ta' kundizzjonijiet li jigu marbutin mal-helsien mill-arrest ghandhom ikunu motivati biss mix-xewqa illi l-persuna li tinghata tali liberta` provizorja eventwalment tidher ghall-proceduri kriminali li jkun hemm kontriha.

"Illi fil-kaz prezenti, l-esponent umilment ihoss illi l-kundizzjoni li tirrikjedi li tinghata *pledge* ta' hamsin elf Ewro (€50,000), ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda motivata mix-xewqa illi l-esponent eventwalment jidher ghall-proceduri kriminali kontrih izda li kienet motivata biss biex tinnega l-operazzjoni effettiva tal-ghotja tal-liberta' provvizorja favur tieghu.

"Illi ghaldaqstant tali kundizzjoni tivvjola l-Artikolu 5(3) tal-imsemmija konvenzjoni Ewropeja.

“Illi in effett il-posizzjoni dwar dan il-punt giet ben definita mill-Qorti Kostituzzjonali b’sentenza taghha tal-10 ta’ Lulju 1990 fl-ismijiet **Carmelo Mifsud et v. Onorevoli Prim Ministru et** fejn dik il-Qorti kienet ghamlitha cara li f’kazijiet simili jrid isir il-*means test* u wara, id-depozitu ordnat irid jirrifletti per forza l-qaghda finanzjarja tal-imputat.

“Illi sahansitra anki fil-kaz kostituzzjonali **Salvatore Gauci v. Avukat Generali** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Lulju 1998 il-Qorti kienet irriteniet illi:-

““l-ammot rikjest bhala *bail* fl-ghoti tal-liberta`provisorja ma ghandux ikun eccessiv.”

“Illi hu minnu illi fl-istess kaz il-Qorti mbaghad kienet irriteniet illi fil-fissazzjoni tal-ammont rikjest in garanzija l-Qorti ma ghandhiex biss thares lejn il-mezzi tal-akkuzat imma ghandha tiehu wkoll in konsiderazzjoni cirkostanzi ohra bhal gravita` tar-reat u l-perikolu involut u li l-kriterju dwar il-quantum tal-garanzija ghandu jkun mezz biex jassigura l-presenza tal-akkuzat fil-proceduri.

“Illi pero` kull ma johrog car fil-kaz imressaq mill-esponent hu illi l-kundizzjoni mal-garanzija ta’ plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) mhuwiex qieghed jaqdi l-funzjoni li jassigura l-prezenza tal-akkuzat fil-proceduri izda *se mai*, qieghed biss jassigura illi l-esponent ma jinghata ebda liberta` provizzorja la darba dan l-ammont rikjest huwa wiehed li zgur ma jistax jasal ghalih.

“Illi fi kwalunkwe kaz, ghandhom ikunu l-kundizzjonijiet l-ohrajn imposti fid-digriet (liema kundizzjonijiet mhumiex ta’ natura pekunjarja) illi jassiguraw il-prezenza tal-esponent ghall-proceduri kontrieh fosthom li jirraporta darbtejn kuljum l-Ghassa u li joqghod ghal kull kundizzjoni ohra mposta mill-Qorti waqt il-godiment ta’ tali liberta` provizorja, liema kundizzjonijiet l-esponent mhuwiex qieghed jikkontesta jew joggezzjona ghalihom.

"Illi dan kollu qed jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi ladarba miz-zmien ta' wara l-ghotja tal-ewwel helsien mill-arrest provizorju, zdiedu u mhux naqsu c-cirkustanzi li jimmilitaw favur il-helsien mill-arrest tal-esponent, il-helsien mill-arrest li ghandu issa jinghata ma ghandux ikun aktar oneruz minn dak li kien gie moghti l-ewwel darba u cioe` fit-12 ta' Marzu 2004.

"Ghal dawn ir-ragunijiet kollha r-rikorrenti qed jitlob li:-

"1. li jigi dikjarat li l-istat ta' arrest tieghu u d-digriet moghti mill-Qorti fl-4 ta' Marzu 2009 rigwardanti l-kundizzjoni imposta dwar il-liberta` provizorja u cioe` l-kundizzjoni ta' plegg tajjeb bil-miktub ghas-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000), huma llegali u jmorru kontra d-dispost tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

"2. li jigi ordnat li l-liberta` provizorja tal-esponent, b'mod partikolari l-kundizzjoni hawn fuq imsemmija tigi modifikata b'tali mod li tkun in linea ma' *means test* li jiehu in konsiderazzjoni l-mezzi finanzjarji tal-esponent;

"3. li jinghataw dawk il-provvedimenti u ordnijiet xierqa u opportuni biex id-drittijiet fundamentali tal-esponent jigu protetti.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat.

"Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess:-

"Illi l-lanjanzi avvanzjati mir-rikorrent m'ghandhomx fondament guridiku fl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghas-segwenti motivi:-

"(1) Kwantu ghall-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali ghal-liberta provvizorja fil-pendenza tal-guri u cioe` l-kundizzjoni ta' plegg jew alternattivament depozitu ghas-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) u din

il-kwistjoni u l-artikolu fuq citat jifformaw il-qofol tal-kawza odjerna.

“Illi l-Artikolu 5(3) u (1c) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem jaghmilha cara li:-

““(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(c) ta’ dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b’ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista’ jkun taht kundizzjoni ta’ garanziji biex jidher ghall-proceduri.”

“1c l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta’ persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragjonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragjonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat.”

“Illi fic-cirkostanzi odjerni, fejn ir-rikorrent qieghed jistenna sabiex jghaddi guri akkuzat b’omicidju volontarju l-Qorti kompetenti kienet iddecidiet li taghtih il-beneficcju tal-harsien mill-arrest fit-12 ta’ Marzu 2004. Illi fost il-kundizzjonijiet imposti mill-istess Qorti r-rikorrent kellu jirrisjedi ma’ ommu. Illi jirrizulta li r-rikorrent gie arrestat stante li ma ottemperax ruhu ma’ l-imsemmija kundizzjoni. Illi r-rikorrent rega’ talab lill-Qorti Kriminali sabiex jinghata l-liberta` provvizorja pero` permezz tad-digriet datat 4 ta’ Marzu 2009, l-Onorabbli Qorti dehrilha li mill-assiem tal-fatti kien mehtieg li sabiex ir-rikorrent jinghata l-liberta` provvizorja u jigu accertati li l-provvedimenti tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jigu osservati r-rikorrent ghandu, fost kundizzjonijiet ohra, igib plegg li jobbliga ruhu bil-miktub jew alternattivament jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta’ hamsin elf Ewro (€50,000). Illi l-fatt li l-ligi tesigi li l-helsien jista’ jkun taht kundizzjoni ta’ garanzija biex jidher ghall-proceduri gie interpretat bhala li ma jimplikax li jezisti dritt fundamentali ghall-liberta` provizorja.”

"Il-perjodu li fih ir-rikorrent inzamm taht arrest preventiv ma jikkostitwixxix perjodu vjolattiv tad-dritt ghall-process fi zmien ragjonevoli u dan specjalment meta wiehed iqis il-gravita` tar-reat illi r-rikorrent huwa akkuzat bih. Inoltre, kien ir-rikorrent stess li ghazel li ma jottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lilu fit-12 ta' Marzu 2004 u issa qed jippretendi li l-Onorabbli Qorti Kriminali ma taghmilx kundizzjionijiet iktar stringenti sabiex taccerta ruhha li r-rikorrent ma jaghmel xejn sabiex jintralcja l-andament tal-gustizzja jew jevadi ghal kollox lill-gustizzja. F'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva li r-rikorrent ma ghandux id-dritt li jimponi fuq il-Qorti kompetenti l-kundizzjonijiet ghall-beneficcju tal-harsien mill-arrest.

"(2) Kwantu l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar li l-imsemmi plegg ghandu jkun kalkulat permezz ta' *means test*.

"Illi dwar l-imsemmi Artikolu 5(3) ghandu jinghad illi l-ammont ta' garanzija illi l-awtorita` gudizzjarja kompetenti thoss illi jkun mehtieg biex jassigura li l-imputat jidher quddiem il-Qrati ghall-process hija haga li taqa' fid-diskrizzjoni ta' dik l-awtorita` gudizzjarja ta' kompetenza penali u din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, m'ghandhiex il-mansjoni li tirrevedi ammonti ta' garanzija li l-Qorti kompetenti tkun hasset illi huma mehtiega sabiex jigi assigurat illi l-akkuzat jidher ghall-process, tenut kont tal-gravita` tal-akkuza u l-assiem tac-cirkostanzi kollha, diment illi dik il-Qorti kompetenti tkun fil-fatt indirizzat ruhha ghall-konsiderazzjonijiet relevanti fil-materja. Inoltre, l-Artikolu 576 tal-Kap. 9 jistipula li: "L-ammont tal-garanzija ghandu jkun fil-limiti stabbilit mil-ligi, skont il-kundizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita` tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett."

"Illi l-Qorti kompetenti tikkunsidra s-sitwazzjoni finanzjarja tal-akkuzat bhala wahda mill-fatturi izda, ghad illi r-rikorrent kien diga` jgawdi mill-beneficcju tal-harsien mill-arrest moghti lilu fit-12 ta' Marzu 2004 u huwa ghazel, ghar-ragunijiet tieghu li ma jottemperax ruhu aktar mal-

kundizzjonijiet kollha hemm stipulati, anke fic-cirkostanzi reali tar-rikorrent, il-Qorti kompetenti dehrilha li l-kundizzjoni addizzjonali tal-plegg jew depozitu fl-ammont imsemmi kien necessarju fil-kaz odjern.

“Illi l-esponent ma jaqbilx illi l-fissazzjoni tal-garanzija hija haga strettament dipendenti fuq il-mezzi tal-akkuzat u haga soggettiva. Ghad illi l-posizzjoni tal-akkuzat hija fattur rilevanti, il-Qorti li tkun qed tikkunsidra talba ghall-liberta` provvizorja xorta ghandha l-obbligu li tara li l-mod tal-garanzija rikjest ikun wiehed effettiv u li huwa ta’ deterrent sufficjenti biex izommu milli ma jidhirx ghall-process. Altrimenti, jekk wiehed jaccetta illi min m’ghandux sold m’ghandu jaghmel ebda garanzija wiehed ikun qieghed implicitament jaccetta wkoll sitwazzjoni fejn akkuzat jigi rilaxxat minghajr ma jkun qieghed jiehu ebda sogru fil-kaz li ma jidhirx fil-process u fil-kaz li jahrab. Fil-kazijiet fejn l-akkuza tkun ta’ reati gravi tali *modus operandi* huwa certament perikoluz u ma jissodisfax dak li trid il-ligi dwar il-garanzija illi necessarjament trid takkompanja l-liberta` provvizorja.

“Ghalhekk il-principju kwotat fir-rikors promotur fis-sens illi l-garanzija ghall-ghoti tal-liberta` provvizorja m’ghandhiex tkun eccessiva ma jgibx bhala konsegwenza li persuna li jallega li ma jistax igib plegg biex jiggarantixxi ghalih jew li mhux fil-qaghda finanzjarja li jiddepozita l-ammont stabbilit ghandha tigi rilaxxata minghajr ma taghti l-garanzi, li fic-cirkostanzi jitqiesu li huma necessarji sabiex jiggarantixxu li hija ssegwi l-ordnijiet tal-Qorti u tidher ghall-process.

“Fil-fatt sitwazzjoni fejn il-Qorti thoss illi tkun mehtiega garanzija ta’ ammont gholi u l-akkuzat ma jkunx dispost jew f’posizzjoni li jaghmilha u jibqa’ ghalhekk minghajr liberta` provvizorja ma tiksirx l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. F’dan ir-rigward l-esponent jiccita silta mill-Qorti Ewropeja:

*““The Court wishes however, to emphasize that the concluding words of Article 5(3) (Art. 5-3) of the Convention show that, when the only remaining reasons*

*for continued detention is the fear that the accused will abscond and thereby subsequently avoid appearing for trial, his release pending trial must be ordered if it is possible to obtain from him guarantees that will ensure such appearance. It is beyond doubt that, in a financial case that in which Wemhoff was involved, an essential factor in such guarantees should have been the deposit by him of bail or the provision of security for a large amount. The positions successfully taken up by him on this matter (statement of facts paras. 5 and 14) are not such as to suggest that he would have been prepared to furnish such guarantees."*

"Illi huwa car li tenut kont tal-gravita` tal-akkuza u tal-komplessita` tal-kaz in ezami ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk l-esponent jopponi t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li jirrizultaw mic-cirkostanzi kif spjegati fir-rikors promotur.

"Finalment l-intimat talab li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

"Semghet lir-rikorrenti u lix-xhud prodott mill-istess rikorrenti.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

"Rat in-nota responsiva tal-intimat.

"Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

"Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

"Ikkonsidrat:

"Fir-rikors promotur ir-rikorrenti Richard Grech jaghmel referenza ghall-proceduri kriminali li qed jittiehdu kontra tieghu fuq varji akkuzi, fosthom dik ta' omicidju volontarju. F'dawn il-proceduri penali l-kumpilazzjoni tal-provi giet konkjuza, inhareg l-att ta' akkuza u fadal li jigi celebrat il-

guri. Ir-rikorrenti jippremetti li fl-imsemmija proceduri huwa kien inghata l-liberta` provizorja bil-kundizzjoni li huwa kellu jirrisjedi ma' ommu. Inqala xi disgwid bejn ir-rikorrenti u ommu u ghalhekk huwa ma setax jottempera ruhu mal-imsemmija kundizzjoni u konsegwentement rega' gie arrestat. Sussegwentement ir-rikorrenti zzewweg lil Josianne Grech, li minnha r-rikorrenti ghandu tifel. Mart ir-rikorrenti u binha jirrisjedu f'29, Triq A. Cuschieri, Fleur de Lys, Birkirkara. Minhabba dak li gie premess u ghal diversi ragunijiet ohra r-rikorrenti talab li tigi koncessa lilu l-liberta` provizorja taht l-istess kundizzjonijiet ta' qabel bl-eccezzjoni li issa jirrisjedi ma' martu fl-imsemmi indirizz. Din it-talba tar-rikorrenti giet akkordata b'diversi kundizzjonijiet fosthom kundizzjoni gdida li jew igib *pledge* tajjeb ghas-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) jew alternattivament jiddepozita l-istess ammont fir-registru tal-Qorti.

“Ir-rikorrenti jkompli jippremetti li la huwa u lanqas bl-ghinuna tal-familja ma jista jottempera ruhu ma' tali kundizzjoni u dan peress li m'ghandux il-mezzi necessarji. Minhabba f'hekk huwa talab lill-Qorti kompetenti sabiex titnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont in kwistjoni. Din it-talba tar-rikorrenti pero` ma gietx akkordata u kwindi huwa ghadu mizmum b'arrest preventiv. Ir-rikorrenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-ammont tal-garanzija ghandu jigi stabbilit “skont il-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita` tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett.” Skont ir-rikorrenti meta jigu ffissati l-kondizzjonijiet marbuta mal-ghoti tal-liberta` provizorja trid tinghata konsiderazzjoni ghas-sitwazzjoni finanzjarja tal-akkuzat u tal-familja kif ukoll ghal cirkostanzi ohra li jistghu jinfluwixxu fuq id-decizjoni li tkun ser tittiehed. Ir-rikorrenti jikkoncedi li fost dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti trid tassigura li l-akkuzat jidher fil-proceduri li jkunu qed jittiehdu, li ma jitlaqx minn Malta u li josserva l-kundizzjonijiet kollha imposti mill-istess Qorti u li ma jikkommettix xi reat iehor. Ir-rikorrenti jirrileva ukoll li, fi kwalunkwe kaz, il-Qorti rriteniet li, fic-cirkostanzi, kellha tigi koncessa lill-rikorrenti l-liberta` provizorja, izda r-rikorrenti joggezzjona ghal-

kundizzjonijiet, in partikolari dik pekunjarja, marbuta mal-ghoti tal-liberta` provizorja.

“Inoltre r-rikorrenti jkompli jippremetti li, fi kwalunkwe kaz il-Qorti Kriminali, ikkunsidrat li r-rikorrenti kien haqqu li jinghata l-liberta` provizorja u logikament il-kundizzjonijiet relattivi ma kellhomx iwasslu sabiex l-istess kundizzjonijiet jkunu ta’ ostaklu ghall-istess liberta` provizorja. Skont ir-rikorrenti ladarba l-helsien tal-arrest gie koncess lilu dan ma kellux ikun kondizzjonat b’obbligazzjonijiet li kienu impossibli ghar-rikorenti li jottempera ruhu maghhom.

“Ir-rikorrenti jissottometti li dan kollu hu ekwivalenti ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u illi l-imposizzjoni tal-kondizzjoni in kwistjoni kienet biss motivata biex jigi negat lilu l-ghoti tal-liberta` provizorja u mhux biex jigi assigurat li r-rikorrenti jidher ghall-proceduri penali. Ir-rikorrenti rrefera ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta’ Lulju 1990 fl-ismijiet **Carmelo Mifsud et v. Onorevoli Prim Ministru et**. Irrefera wkoll ghas-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Salvatore Gauci v. Avukat Generali** deciza fit-30 ta’ Lulju 1998. Minhabba dan kollu r-rikorrenti qed jitlob li jigi ordnat li l-liberta` provizorja koncessa lilu tigi modifikata fis-sens li l-kundizzjoni pekunjarja tigi modifikata b’tali mod li tkun in linea ma’ *means test* li jiehu in konsiderazzjoni l-mezzi finanzjarji tal-esponent;

“L-intimat, fir-risposta tieghu ssottometta li r-rikorrenti kien inghata l-liberta` provizorja pero` rega’ gie arrestat peress li kien kiser wahda mill-kondizzjonijiet u cioe` dik li kellu jirrisjedi ma’ ommu. Ir-rikorrenti rega’ inghata l-liberta` provizorja pero`, din id-darba, giet imposta kundizzjoni pekunjarja u cioe` li jipproduci garanzija tajba jew jiddeposita s-somma ta’ hamsin elf Euro (€50,000). Skont l-intimat ma jezisti ebda dritt fundamentali ghall-liberta` provizorja. Kien ir-rikorrenti li ghazel li ma jottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti meta nghata l-liberta` provizorja l-ewwel darba. Skont l-intimat il-Qorti Kriminali riedet biss taccerta ruhha li r-rikorrent ma jaghmel xejn sabiex jintralcja l-andament tal-gustizzja jew jevadi ghal

kollox lill-gustizzja. Il-quantum tal-garanzija jaqa esklusivament fid-diskrizzjoni tal-Qorti Kriminali u din il-Qorti m'ghandhiex tirrevedi ammonti ta' garanzija li l-Qorti kompetenti hasset illi huma mehtiega. L-imsemmija Qorti Kriminali kkonsidrat s-sitwazzjoni finanzjarja tal-akkuzat u dan bhala wahda mill-fatturi li jiddeterminaw l-ghoti tal-liberta` provizorja u l-quantum.  Il-fissazzjoni tal-garanzija ma tiddependix biss fuq il-mezzi finanzjarji tal-akkuzat ghalkemm huwa koncess li tali posizzjoni finanzjarja tal-akkuzat hija fattur rilevanti. Il-Qorti Kriminali trid tara li l-mod tal-garanzija rikjest ikun wiehed effettiv u li jkun ta' deterrent ghall-imputat.

"Is-sottomissjoni tar-rikorrenti fis-sens li l-garanzija marbuta mal-ghoti tal-liberta` provizorja m'ghandhiex tkun eccessiva, ma jgibx bhala konsegwenza li r-rikorrenti ghandu jigi rilaxxat bla garanzija. Jekk il-Qorti Kriminali thoss li ghanda timponi garanzija gholja liema garanzija l-akkuzat ma jkunx f'posizzjoni li jaghtiha ma jfissirx li jkun qed jinkiser id-dritt fundamentali tal-akkuzat. In vista tal-gravita` tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrenti u in vista tal-komplessita tal-kaz ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwistjoni.

"**Fatti**

"Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu. Il-partijiet jaqblu li r-rikorrenti kien gie koncess lilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest pero` huwa ma ottemperax ruhu ma' wahda mill-kundizzjonijiet imposti u ghalhekk rega' gie arrestat. Huwa talab ghat-tieni darba li jinghata l-istess beneficcju. Il-Qorti kompetenti rriteniet li tali talba tar-rikorrenti kella tigi koncessa pero` din d-darba imponiet ukoll kondizzjoni pekunjarja. Skont ir-rikorrenti huwa u l-familja tieghu m'ghandhomx il-mezzi finanzjarji sabiex ikunu jistghu jottemperaw ruhhom mal-imsemmija kondizzjoni pekunjarja.

"**Provi**

"Ir-rikorrenti kkonferma li ilu ma jahdem circa tmien (8) snin u dan ukoll minhabba li kien mizmum u qed jinzam il-

habs u kien ukoll ghamel zmien taht *house arrest*. Huwa kien jahdem pero` ma gemma xejn minn dak li kien jaqla. Huwa la ghandu flus il-Bank, bl-eccezzjoni ta’ kont wiehed li fih ghandu €15 biss u lanqas ma ghandu beni immobbli. Huwa mizzewweg darbtejn u ghandu t-tfal, wahda minnhom illum ghandha sbatax-il sena. Ma jhallas xejn bhala manteniment u fil-fatt qatt ma ntalab ihallas manteniment. Ir-rikorrenti inoltre kkonferma li m’ghandux biex ikopri l-garanzija li gie ordnat li jaghmel. Huwa jircievi xi cekkijiet tar-*relief* u c-*children’s allowance*. Dawn, pero`, imorru direttament ghand wahda jew l-ohra min-nisa tieghu.

“Omm ir-rikorrenti kkonfermat li binha kien jghix maghha qabel ma rega’ gie arrestat. Meta kien jghix maghha binha kien taht arrest domiciljari u ma setax johrog mid-dar. Qalet li sa fejn taf hi r-rikorrenti m’ghandux flus.

“**Risultanzi**

“Jirrizulta li hemm pendenti kontra r-rikorrenti proceduri penali fuq l-akkuza ta’ omicidju volontarju.

“Ir-rikorrenti qed isostni li meta nghata l-liberta` provizorja t-tieni darba u meta giet imposta fuqu garanzija pekunjarja, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fondamentali (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan stante li l-garanzija giet iffissata ghall-ammont eccessiv tenut kont tal-posizzjoni finanzjarja tieghu, kif ukoll ta’ fatturi ohra.

“Jirrizulta wkoll li hawnhekk il-kwistjoni mhux l-ghoti tal-liberta` provizorja billi din in effett giet akkordata mill-Qorti kompetenti. Il-kwistjoni tirrigwarda l-imposizzjoni ta’ garanzija pekunjarja u l-quantum iffissat ghall-istess garanzija.

“Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti ma ddepositax is-somma mitluba jew il-garanzija tajba tant li ghadu jinzamm taht arrest preventiv. Jirrizulta wkoll li la r-rikorrenti u lanqas il-familjari tieghu ma jistghu jaghmlu tajjeb ghall-ammont

impost. Sabiex tigi ottjenuta garanzija minn Bank ir-rikorrenti jew il-familjari tieghu jigu mitluba garanzija fil-forma ta’ depositu bankarju jew xi immobbli. Ma jirrizultax li dawn huma ghad disposizzjoni tar-rikorrenti jew tal-familjari tieghu.

“Kif gia` rilevat il-Qorti kompetenti gia` kkonkludiet li r-rikorrenti ghandu jinghata l-liberta` provizorja. Konsegwentement jista jinghad li l-Qorti wasslet ghall-konkluzjojni li li ma jezistix periklu li r-rikorrenti jahrab jew li b’xi mod l-istess rikorrenti jista jinkwina l-provi. Ikkonsidrat ukoll li l-perikolu li r-rikorrenti jikkommetti xi reat iehor hu minimu u li r-rikorrenti mhux ta’ theddid ghall-ordni pubbliku.

“L-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja citat mir-rikorrenti jipprovdi, in generali, protezzjoni mill-arrest arbitrarju jew mid-detenzjoni arbitrarja u jiggarantixxi d-dritt ghall-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna. In partikolari jipprovdi li kull min ikun mizmum b’arrest in konnessjoni ma’ reat kriminali ghandu jingieb minnufih quddiem il-Qorti kompetenti u ghandu d-dritt li l-proceduri relattivi jsiru fi zmien ragjonevoli jew ghandu d-dritt ghal helsien waqt il-pendenza tal-istess proceduri. Tali helsien jista’ jkun taht kondizzjoni ta’ garanzija biex jidher ghall-proceduri. L-istess artikolu jkompli jipprovdi, fost affarijiet ohra, li kull minn hu akkuzat b’reat kriminali hu ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti. L-akkuzat ukoll ghandu jigi meqjus innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skont il-ligi.

“Ghar-rigward tal-ghoti tal-liberta` provizorja l-Konvenzjoni in kwistjoni tippermetti li jigu imposti kundizzjonijiet, anke garanziji pekunjarji. Meta l-Qorti tigi biex tiffissa l-garanzija trid tikkonsidra diversi fatturi, fosthom il-gravita` tal-imputazzjonijiet jew tal-akkuzi addebitati, l-persuna tal-imputat u l-impatt socjali. Dawn il-garanziji huma principalment intizi sabiex jisguraw li l-imputat jidher ghal procediment kriminali kontra tieghu. Wara li l-Qorti tkun iddecidiet li ghandha tinghata l-liberta` provizorja, l-istess Qorti ghanda tghaddi biex tikkonsidra l-kondizzjonijiert li ghandhom jigu imposti ghar-rigward tal-istess liberta`

provizorja. F'dan ir-rigward il-Qorti ghandha principalment tikkonsidra li ghandu jigi assigurat li l-imputat jidher ghal kull att tal-procediment. Ghalhekk il-Qorti, meta qed tiffissa l-garanziji pekunjarji, trid bilfors thares lejn il-mezzi finanzjarji tal-imputat u ta' dawk il-persuni li jistghu joffru li jghinu lill-imputat.

"F'san l-istadju tista' ssir referenza ghall-kawza l-ismijiet **Carmel Mifsud et v. Onorevoli Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 1990. Il-fatti u l-meritu f'dik il-kawza huma sostanzjalment simili ghall-fatti u ghall-meritu tal-prezenti kawza. Fl-imsemmija kawza l-Qorti Kostituzzjonali kkonsidrat il-principji in materja fid-dawl ta' dak li jghidu l-awturi, ta' dak li tghid il-Kummissjoni Ewropeja u ta' dak li gie deciz mill-Qorti Ewropeja.

"Dawn il-principji huma:-

"(1) Jekk l-unika raguni ghala l-imputat qed ikompli jinzamm b'arrest preventiv, tkun il-biza li huwa jista jahrab u b'hekk jevita li joqghod ghal procediment kontrih, allura l-imputat ghandu jinghata l-liberta` jekk huwa jista jghati tali garanziji li jizguraw li huwa jidher ghal kull att tal-procediment.

"(2) Id-dritt li wiehed jinghata l-liberta` jezisti biss jekk jista' jigi zgurat li l-garanzija hi sufficjenti sabiex tassigura li l-imputat ma jahrabx peress li jista' jitlef l-ammont tal-istess garanzija.

"(3) L-ghan tal-garanzija mhux li taghmel tajjeb ghad-dannu li sar bir-reat, izda biex jigi assigurat li l-imputat jidher ghal procediment.

"(4) L-ammont tal-garanzija ghalhekk ghandu jigi fissat b'referenza ghal mezzi u ghac-cirkostanzi tal-persuna koncernata.

"(5) L-ammont tal-garanzija m'ghandux ikun eccessiv b'referenza ghar-raguni ghala l-garanzija qed tigi imposta u cioe` sabiex jigi zgurat li l-imputat jidher dejjem ghal procediment.

"(6) Il-garanzija m'ghandhiex tigi esklusivament fissata b'referenza ghas-serjeta` tal-imputazzjonijiet.

"(7) Jekk l-imputat ma jistax jigi mehlus minhabba l-garanzija mitluba huma eccessivi, id-detenzjoni tista' tkun illegali jew irregolari *ai termini* tal-artikolu in kwistjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"(8) Id-detenzjoni hi permissibbli biss jekk il-garanziji jassiguraw li l-imputat jidher ghal procediment. Dawn il-garanziji, pero`, ma jistghux ikunu aktar minn dak li hu strettament necessarju.

"(9) Il-kwistjoni tal-quantum tal-garanziji f'kull kaz trid tigi konsidrata b'referenza ghall-persuna tal-imputat jew l-akkuzat, il-mezzi tieghu u r-relazzjoni tieghu ma' minn jista' jghati l-garanziji ghalih u cioe` jekk hemmx deterrent sufficjenti biex ixejjen kull disposizzjoni tieghu li jahrab.

"(10) Jekk ma jidhirx li l-procediment jista jsir fi zmien ragionevoli, l-imputat ghandu jinghata l-liberta` provisorja. Il-liberta` provizorja ma tistax tigi in effett rifjutata billi jigu imposti kundizzjonijiet li huma oneruzi z-zejjed, f'dan ir-rigward trid ukoll tigi esminata l-kwistjoni jekk setax kien hemm xi abbuz.

"Fid-dawl ta' dan kollu jista jinghad li l-kundizzjonijiet imposti ghar-rigward tal-ghoti tal-liberta` provizorja, inkluzi l-garanziji pekunjarji, principalment ghandhom ikunu mmirati sabiex jassiguraw li l-imputat jew l-akkuzat jidher ghal procediment kontrih. Ghandu jkun hemm l-element li l-kundizzjonijiet ser jizgura li l-imputat jidher ghal kull att tal-procediment billi tezisti l-biza' li jista' jitlef ukoll il-garanziji li jkun ipproducja. L-ammont iffissat m'ghandux ikun eccessiv u ma ghandux ikun aktar minn dak li hu ragionevolment necessarju. F'kaz li l-imputat ma jistax joqghod ghall-kundizzjonijiet imposti fuqu peress li ghalih huma eccessivi, id-detenzjoni kontinwata tista' tkun illegali jew irregolari ai termini tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-quantum ghandu jigi ffiussat ffissat

b'referenza ghall-persuna tal-imputat u l-mezzi tieghu. Ghandu wkoll jigi konsidrat li f'kaz li jigu imposti kundizzjonijiet li huma aktar oneruzi minn dak li hu ragionevolment rikjest dan jista' jammonta ghal cahda tal-liberta` provizorja, meta l-Qorti, in effett gia` kkonkludiet li ghandha tinghata l-istess liberta` provizorja.

"Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li gew lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan meta giet imposta l-kundizzjoni in kwistjoni tad-depositu u meta gew michuda t-talbiet tieghu biex titbiddel l-istess kondizzjoni. Jirrizulta ghalhekk li gew lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja b'mod partikolari bl-Artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni.

"Inoltre mill-ezami tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta Marzu 2009 ma jirrizultax li l-posizzjoni finanzjarja tar-rikorrenti gie esaminata qabel ma nghata l-istess digriet. In effett, din il-posizzjoni finanzjarja lanqas ma jirruzulta li giet mehuda in konsiderazzjoni meta nghataw id-diversi digrieti l-ohra li kienu wkoll konnessi mal-meritu ta' dan ir-rikors. Jidher ghalhekk li l-Qorti Kriminali ma kelliex quddiemha provi dwar il-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti meta imponiet il-kondizzjoni pekunjarja in kwistjoni

"F'dan il-kaz jinkonkorru r-ragunijiet li kienu jimponu fuq il-Qrati Kriminali li jigi akkordat l-helsien mill-arrest lill-akkuzat taht garanziji xierqa u adegwati. Min-naha l-ohra pero` ma tirrizulta ebda raguni, gravi u mhux, ghaliex ir-rikorrenti kellu jibqa' jinzamm b'arrest preventiv. Inoltre f'dan il-kaz, kif gia` rilevat, m'hemmx ghalfejn li jigi ezaminat jekk jezisti jew le l-periklu li r-rikorrenti jahrab peress li dan il-punt gia` gie deciz u eskluz mill-Qorti Kriminali u dan appuntu meta gie deciz li tigi akkordata l-liberta` provizorja.

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Mario Pollacco v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 irribadit illi "kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jipproklamaw bhala dritt fundamentali l-liberta` tal-individwu u jenuncjaw li hadd ma kellu jigi privat mill-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet specifikati u preskritti fil-ligi.

Il-principju kellu jkun il-liberta` tal-individwu, id-detenzjoni kella tkun l-eccezzjoni.” Infatti f’dan il-kaz ma gie bl-ebda mod stabbilit li d-detenzjoni kontinwata kienet necessarja u dan jirrizulta mill-varji decizjonijiet tal-Qorti Kriminali. Il-kriterji li l-Qorti ghanda timxi fuqhom meta qed tistabilixxi l-kundizzjonijiet xierqa marbuta mal-liberta` provizorja, *una volta* li gie stabbilit li l-istess liberta` provizorja setghet tigi akkordata lir-rikorrenti, huma l-mezzi finanzjarji ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti b’referenza wkoll ghall-persuna tal-istess rikorrenti. Fl-imsemmija kawza ta’ Pollacco intqal ukoll li “certament l-akkuzat kellu l-obbligu illi jipproduci l-provi mehtiega biex jigi stabbilit x’kien dak il-minimu ta’ depozitu li l-Qorti kellha tiddetermina ghall-helsien provizorju tieghu u dan fl-interess tieghu, u ghal dan il-fini l-Qorti kienet obbligata taghtih direzzjoni, u kien ukoll jinkombi fuq il-Qorti li, irrispettivament minn dak li ghogbu jissottomettilha l-akkuzat taghmel sa fejn hu possibli l-ezercizju mehtieg biex il-gudizzju taghha f’dan ir-rigward jkun wiehed oggettiv u realistiku.” Intqal ukoll li “il-punt li qed tenfasizza l-Qorti f’dan l-istadju hu, illi l-liberta` ta’ persuna hi prezzjuza wisq biex tigi mcahhda leggerment minghajr debita riflessjoni u bla ma jsir sforz biex jigi stabbilit taht liema kundizzjonijiet minimi kellha tigi akkordata u dan, tenut kont, illi l-iskop tal-plegg ma kienx biex jaghmel tajjeb ghad-danni provokati bir-rejat imma biss biex jassigura li l-persuna suspettata tipprezenta ruhha ghas-smiegh tal-kaz kontra taghha.”

“Fil-kaz taht ezami ma jirrizultax li ngiebu xi provi dwar il-mezzi tar-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali meta in effett kien obbligu ta’ dik il-Qrati li qabel ma tiehu d-decizjoni kellhom jigu verifikati l-mezzi tal-akkuzat jew ta’ dawk il-persuni li setghu jghinuh biex jipprovdi l-garanzija mehtiega u dan kif irriteniet il-Qorti dejjem fl-imsemmi kaz ta’ Pollacco.

“Huma il-Qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali li ghandhom jistabilixxu l-kundizzjonijiet marbuta mal-ghoti tal-liberta` provizorja. Din il-Qorti thoss, pero`, li ghandha tghaddi biex tghaddi biex tghati r-rimedju, inkluz li tiddeciedi wkoll dwar il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja. Dan qed jinghad in vista tal-fatti li f’dawn il-proceduri saru provi

dwar il-mezzi tar-rikorrenti u tal-familjari tieghu. Inoltre l-Qorti Kriminali giet mitluba diversi drabi biex tvarja l-kundizzjonijiet marbuta mal-ghoti tal-helsien mill-arrest, pero` dawn it-talbiet dejjem gew michuda. F'dan ir-rigward fil-kawza ta' Pollacco gie dikjarat li "ma hemm xejn x'jeskludi li Qorti vestita f'gurisdizzjoni kostituzzjonali taghti provedimenti li jimpingu fuq il-gurisdizzjoni ta' xi Qorti ohra. Dan il-poter procedurali jezisti u ghandu jigi ezercitat fejn ikun jidher lil dik il-Qorti illi l-protezzjoni tal-individwu li d-drittijiet tieghu ikun gie provat li gew vjolati, tkun tirrikjedi li jinghata rimedju xieraq u effettiv immedjetament. Multo magis fejn si strata ta' lezjoni tad-dritt ghall-helsien tal-persuna."

"Ghal dawn il-motivi kollha:

"Tiddecciedi billi fl-ewwel lok tichad is-sottomissjonijiet tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-istat ta' arrest tar-rikorrenti u d-digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Marzu 2009 rigwardanti l-kundizzjoni imposta dwar il-liberta` provizorja u cioe` l-kundizzjoni ta' plegg tajjeb bil-miktub ghas-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000), huma llegali u jmorru kontra d-dispost tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Tordna li r-rikorrenti jinghata l-liberta` provizorja bil-kundizzjonijiet kollha kif indikati fl-imsemmi dikriet tal-4 ta' Marzu 2009, ad eccezzjoni tal-kundizzjoni numru (viii) li qed tigi kompletament imhassra.

"In vista tan-natura tal-kawza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**Rikors tal-appell tal-Avukat Generali**

L-appellant Avukat Generali hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha fejn talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u minflok tichad it-talbiet tal-appellat bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

In succint, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa li l-ammont ta’ garanzija li l-awtorita` gudizzjarja kompetenti thoss li jkun mehtieg biex jassigura li l-akkuzat jidher quddiem il-Qorti ghall-process hija haga li taqa’ fid-diskrezzjoni ta’ dik l-awtorita` gudizzjarja ta’ kompetenza penali u l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex mansjoni li tirrevedi ammonti ta’ garanzija li l-Qorti kompetenti hasset li kienet mehtiega biex jigi assigurat illi l-akkuzat jidher ghall-process, tenut kont tal-gravita` tal-akkuza u tal-assjem tac-cirkostanzi kollha. Se mai l-ewwel Qorti messha rrinvjat l-atti quddiem il-Qorti Kriminali biex tikkunsidra t-talba ghall-helsien mill-arrest in vista ta’ dak li sabet.

“2. Fit-tieni aggravju l-appellant jissottometti li l-Qorti Kriminali dehrilha li kien idoneju li r-rikorrenti jinghata l-liberta` provizorja biss b’dik il-garanzija u jekk dik il-garanzija ma tinghatax dik il-Qorti kienet tal-opinjoni li ma kienx idoneju li r-rikorrent jinghata l-liberta` provizorja.

“3. It-tielet aggravju huwa li jekk din il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi odjerni l-ammont ta’ garanzija huwa eccessiv, hi ghandha tnaqqas l-istess ammont ghal wiehed ragjonevoli li fil-fehma taghha jkun adegwat sabiex jigi garantit li r-rikorrent isegwi l-ordnijiet tal-Qorti u jidher ghall-process tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-gravita` tar-reat u mhux semplicement titnehha dik il-garanzija, li kienet proprju l-kundizzjoni intiza biex tiggarantixxi l-osservanza tal-kundizzjonijiet l-ohra. Jekk ir-rikorrent ma jkunx f’posizzjoni li jaghti dik il-garanzija, hekk ragjonevolment ridotta, allura l-konsegwenza logika terga’ tkun li ma tigix akkordata lilu l-liberta` provizjorja.

**Risposta tal-appellat Richard Grech**

L-appellat Richard Grech wiegeb li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant.

1. Dwar l-ewwel aggravju wiegeb li kif qalet l-ewwel Qorti, l-Qorti Kostituzzjonali ghandha kull dritt u

kompetenza li tiddeciedi dwar il-mertu tat-talba minghajr ma jigu dilungati aktar il-procedimenti gudizzjarji fl-ghoti tal-liberta` provizorja.

2. L-appellat jghid li t-tieni aggravju hu proprjament eccezzjoni ulterjuri bil-mohbi, izda fi kwalunkwe kaz, mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-appellant li l-idonejeta` ghal-liberta` provizorja tiddependi mill-abilita` jew le tar-rikorrent li jgib il-garanzija mitluba. L-idonjeta` ghall-liberta` provizorja hi materja li tigi kkunsidrata qabel ma jigu kkunsidrati l-kundizzjonijiet li r-rikorrent ikollu josserva. Il-garanzija hi kundizzjoni li tigi imposta wara li l-akkuzat jinghata l-beneficcju tal-liberta` provizjorja.

3. Dwar it-tielet aggravju l-appellat jissottometti li hu kieku kien ikun lest li jaghmel depozitu f'ammont ragjonevoli li jidhol fil-parametri tal-mezzi tieghu, izda l-qaghda finanzjarja tieghu hija tassew prekarja u m'ghandux flus biex jiddepozita u ghalhekk qed joffri li jaghmel garanzija personali f'ammont ragjonevoli minghajr depozitu, u dan kif permess mil-ligi fl-Artikolu 577(2) tal-Kap. 9[1].

## Talba u kontestazzjoni

Fir-rikors tieghu, r-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li l-istat ta' arrest tieghu u d-digriet moghti mill-Qorti fl-4 ta' Marzu 2009 rigwardanti l-kundizzjoni imposta dwar il-libert`' provizorja u cioe` li l-kundizzjoni li jgib plegg fis-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000), huma llegali u jmorru kontra d-dispost tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u fit-tieni lok li jigi ordnat li l-liberta` provizorja tieghu, b'mod partikolari l-kundizzjoni hawn fuq imsemmija tigi modifikata b'tali mod li tiehu in konsiderazzjoni l-mezzi finanzjarji tieghu. L-Avukat Generali wiegeb li tenut kont tal-gravita` tal-akkuza (omicidju volontarju) u l-komplessita` tal-kaz in ezami ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni

[1] "Il-garanzija tista' ssir ukoll, meta hekk jidhrilha sewwa l-Qorti, bid-depozitu biss tas-somma jew ta' rahan li jiswa daqsha jew bl-obbligazzjoni biss tal-imputat".

Ewropeja u ghalhekk it-talbiet avvanzati fir-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Fatti tal-kaz**

Ir-rikorrent qieghed jistenna sabiex jghaddi guri akkuzat fost l-ohrajn, b'omicidju volontarju. Hu kien inghata l-liberta` provizorja fit-12 ta' Marzu 2004 izda billi ma ottemperax ruhhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu rega' gie arrestat. Hu talab mill-gdid il-liberta` provizorja u l-Qorti akkordatlu l-liberta` provizorja, din id-darba, bil-kundizzjoni wkoll li jew igib plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma ta' €50,000 jew inkella jiddepozita l-istess ammont. Izda r-rikorrent u lanqas il-familjari tieghu ma kellhom dik is-somma u ghalhekk rega' talab lill-Qorti Kriminali  sabiex jitnaqqas dan l-ammont izda t-talba tieghu giet michuda u ghalhekk baqa' arrestat. Ir-rikorrent jikkontendi li ghalkemm hu jikkwalifika ghall-liberta` provizorja, fil-fatt giet imposta fuqu kundizzjoni li in effetti taghmilha impossibili ghalih li jibbenefika mill-ghoti tal-liberta` provvizorja u dan jammonta, skont hu, ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Fil-kaz in ezami l-kwistjoni kollha mhix dwar jekk ir-rikorrent ghandux jinghata l-liberta` provisorja jew le, billi din gja` giet akkordata lilu, imma dwar l-imposizzjoni ta' garanzija pekunjarja u l-ammont iffissat mill-Qorti Kriminali ghall-istess garanzija li r-rikorrent jghid li m'ghandux mezzi biex ihallsu.

L-ewwel Qorti wara li ghamlet referenza ghall-principji stabbiliti mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rikors fl-ismijiet **Carmel Mifsud et v. Onor. Prim Ministru** deciz fl-10 ta' Lulju 1990 u r-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mario Pollacco v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciz fis-6 ta' Ottubru 1999, sahqet li meta tigi fissata l-garanzija pekunjarja, il-Qorti trid thares ukoll lejn il-mezzi finanzjarji tal-imputat u ta' dawk il-persuni li jistghu joffru li jghinu lill-

imputat, ghax altrimenti jigi daqs li kieku ma jkun inghata l-liberta' provvizorja xejn.

L-ewwel Qorti kkonkludiet li kien jidher mill-ezami tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta Marzu 2009 li l-pozizzjoni finanzjarja tar-rikorrenti ma gietx ezaminata qabel ma nghata dak id-digriet u wara, meta r-rikorrent ghamel talba ghar-revizjoni tal-ammont[2]. Skont l-ewwel Qorti kien jidher li l-Qorti Kriminali ma kellhiex quddiemha provi dwar il-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti meta imponiet il-kundizzjoni pekunjarja. Kompliet tghid li kien l-obbligu tal-Qorti Kriminali li qabel tiehu id-decizjoni taghha, tivverifika dwar il-mezzi tal-akkuzat jew ta' dawk il-persuni li setghu jghinuh biex jipprovdi l-garanzija mitluba, u jekk kienux f'posizzjoni li jgibu dik il-garanzija.

L-ewwel Qorti ghalhekk iddecidiet li hi stess kellha tghaddi biex tghati r-rimedju, wara li kkunsidrat kif gej:

"Huma il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali li ghandhom jistabilixxu l-kondizzjonijiet marbuta mal-ghoti tal-liberta` provizorja. Din il-Qorti thoss, pero`, li ghandha tghaddi biex tghati r-rimedju, inkluz li tiddeciedi wkoll dwar il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja. Dan qed jinghad in vista tal-fatti li f'dawn il-proceduri saru provi dwar il-mezzi tar-rikorrenti u tal-familjari tieghu. Inoltre l-Qorti Kriminali giet mitluba diversi drabi biex tvarja l-kundizzjonijiet marbuta mal-ghoti tal-helsien mill-arrest, pero` dawn it-talbiet dejjem gew michuda. F'dan ir-rigward fil-kawza ta' Pollacco gie dikjarat li "ma hemm xejn x'jeskludi li Qorti vestita f'gurisdizzjoni kostituzzjonali taghti provedimenti li jimpingu fuq il-gurisdizzjoni ta' xi Qorti ohra. Dan il-poter procedurali jezisti u ghandu jigi ezercitat fejn ikun jidher lil dik il-Qorti illi l-protezzjoni tal-individwu li d-drittijiet tieghu jkun gie provat li gew vjolati, tkun tirrikjedi li jinghata rimedju xieraq u effettiv immedjatament. *Multo magis* fejn si strata ta' lezjoni tad-dritt ghall-helsien tal-persuna."

Ghalhekk l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest

---

[2] Digriet tat-23 ta' Marzu 2009.

kif sancit bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ordnat li r-rikorrent jinghata l-liberta` provizorja minghajr il-htiega li jaghmel depozitu ta' €50,000.

**Aggravji**

L-Avukati Generali ma qabilx ma' din id-decizjoni u ressaq tliet aggravji. Il-Qorti se tibda biex tikkunsidra t-tieni aggravju l-ewwel billi fil-hsieb ta' din il-Qorti l-ewwel ghandu jigi deciz jekk hemmx lezjoni mbaghad x'ghandu jkun ir-rimedju u min ser jaghti dak ir-rimedju.

Fit-tieni aggravju l-Avukat Generali jghid li l-Qorti Kriminali deherilha li kien idoneju li r-rikorrent jinghata l-liberta` provizorja u dan biss bil-garanzija pekunarja u ghalhekk jekk ir-rikorrent ma jgibx dik il-garanzija jfisser li hu ma kienx idoneju li jinghata l-liberta` provizorja.

Il-Qorti Kriminali, wara li kkunsidrat dak kollu li titlob il-ligi, partikolarment dak illi hemm provvdut fl-Artikolu 575 tal-Kap. 9 u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, iddecidiet li r-rikorrent kellu jinghata l-liberta` provizorja, imbaghad ghaddiet biex tistabilixxi taht liema kundizzjonijiet l-liberta` provizorja kellha tinghata. Fosthom kien hemm dik li r-rikorrent kellu jgib garanzija ta' €50,000. Jirrizulta pero` li dik il-Qorti ma stabbilitx jekk ir-rikorrent kellux jew le mezzi finanzjarji biex ihallas jew igib dak l-ammont.

Il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Iwanczuk v. Poland** (*Application no. 25196/94*) deciz fil-15/11/2001 qalet hekk:

*""The Court recalls that according to its case-law, the amount of the bail must be "assessed principally in relation to the person concerned, his assets ... in other words to the degree of confidence that is possible that the prospect of loss of security… in the event of his non-appearance at a trial will act as a sufficient deterrent to dispel any wish on his part to abscond" (see the* <u>*Neumeister v. Austria*</u> *judgment of 27 June 1968, Series A, p. 40 § 14). The accused whom the judicial authorities*

*declare themselves prepared to release on bail must faithfully furnish sufficient information, that can be checked if need be, about the amount of bail to be fixed. As the fundamental right to liberty as guaranteed by Article 5 of the Convention is at stake, <u>the authorities must take as much care in fixing appropriate bail as in deciding whether or not the accused's continued detention is indispensable</u> (European Commission HR, no. 8339/78, Rap. 11.12.80, DR 23, p. 137)."*

Ir-rikorrent jikkontendi li l-kundizzjoni imposta fuqu kienet tant oneruza li ghamlithielu impossibbli li jiehu l-liberta` provizjorja. Hu talab lill-Qorti Kriminali biex taghtih l-liberta provizorja b'kondizzjonijiet inqas oneruzi izda it-talba tieghu giet michuda.

Ghalhekk, darba stabbilit li l-Qorti Kriminali kienet gia` accettat li r-rikorrent kellu effettivament jinghata l-liberta` provizorja kien jinkombi fuqha li tistabbilixxi taht liema kundizzjonijiet xierqa r-rikorrent kellu jigi mehlus billi jipprovdi garanzija adegwata li tassikura li huwa jidher ghas-smiegh tal-process. La darba dawn il-garanziji kienu ser jinkludu wkoll depozitu ta' flus, din il-kundizzjoni pekunarja kellha tigi kkunsidrata b'riferenza ghall-persuna u l-mezzi tal-imputat u r-relazzjoni tieghu ma' min seta' jaghti garanzija ghalih. Ghalhekk il-Qorti Kriminali kellha tara liema l-mezzi kellu disponibbli l-imputat qabel tiddetermina l-ammont tal-garanzija biex b'hekk tistabillixxi liema ammont kien, fid-diskrezzjoni taghha, adegwat biex jissodisfa dawn il-kriterji. L-ewwel Qorti stabiliet li dan l-ezercizzju ma sarx ghalhekk ghaddiet biex taghmel l-ezercizzju hi.

It-tieni aggravju tal-appellant qed jigi ghalhekk respint billi l-kwistjoni f'dan il-kaz ma kienitx dwar id-dritt tar-rikorrent li jinghata l-liberta` provizorja izda dwar il-kwantum tal-garanzija li kellu jigi determinat b'ezercizzju mill-Qorti, li fil-fatt ma sarx.

Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent, izda, bir-rispett dovut, ma taqbilx mal-*modus operandi* tal-ewwel Qorti li ghazlet li

taghmel hi l-ezercizzju li ma sarx mill-Qorti Kriminali. Fil-fatt l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li din il-Qorti ghandha tirrimetti l-atti lill-Qorti Kriminali biex il-kwantum jigi deciz minn dik il-Qorti, u fin-nuqqas, (ara tielet aggravju) din il-Qorti tirriduci hi dan il-kwantum.
Illi huwa minnu, kif *del resto* qalet l-ewwel Qorti, li l-Kostituzzjoni ma taghmel l-ebda limitu ghar-rimedju li l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha (u anke din il-Qorti) tista' tipprovdi biex tassigura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet protetti tal-jeddijiet fundamentali. Ghalhekk ma kien hemm xejn x'jeskludi li Qorti vestita f'gurisdizzjoni kostituzzjonali taghti provedimenti li jimpingu fuq il-gurisdizzjoni ta' xi Qorti ohra, ghalkemm il-principju ghandu jibqa' dejjem li ghandhom jigu rispettati l-funzjonijiet gurisdizzjonali tal-Qrati skont l-ordinament guridiku fil-pajjiz.

Issa, fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti in sostenn tad-decizjoni taghha li taghmel l-ezercizzju hi, strahet fuq dak li qalet din il-Qorti fil-kaz ta' Marco Pollacco riferit *supra.* Izda din il-Qorti fil-kaz ta' Pollacco kienet ippuntwalizzat li:

""Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi mhux prudenti, gust u xieraq illi l-atti jigu rimessi mill-gdid lill-Qorti Kriminali biex din tiddelibera u tiddeciedi dwar il-quantum tal-plegg stabbilit mill-Prim Awla fis-sentenza appellata. <u>Qed tiddeciedi hekk anke ghaliex jidher illi l-Qorti Kriminali diga` hadet konjizzjoni ta' dan il-mertu u waslet ghal konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif issa avallata u konfermata minn din il-Qorti</u>."

Kuntrarjament ghal dak il-kaz, fil-kaz odjern, il-Qorti Kriminali ghadha ma ppronunzjatx ruhha dwar it-talba tar-rikorrent <u>wara</u> d-decizjoni tal-ewwel Qorti. Ghalhekk, u biex ma jigux introdotti proceduri godda ghall-otteniment tal-liberta` provizorja minn Qorti, li ghalkemm kompetenti, m'hijiex il-forum l-aktar adatt biex tikkunsidra talba simili, sejra tipprovdi mod iehor minn kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

Fis-sens indikat ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh. It-tielet aggravju mhux qed jigi milqugh

billi l-ezercizzju dwar il-mezzi tar-rikorrent issa ghandu jsir mill-Qorti Kriminali.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti tinvita lill-intimat biex jaghmel mezz li jara li dan il-guri jigi celebrat, possibilment, fl-inqas zmien possibili.

Id-decizjoni ta’ din il-Qorti li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghandha sservi bhala *just satisfaction* ghall-ilment tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sancit bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ordnat li r-rikorrenti jinghata l-liberta` provizorja bil-kundizzjonijiet kollha kif indikati fl-imsemmi digriet tal-4 ta’ Marzu 2009, ad eccezzjoni tal-kundizzjoni numru (viii) u, minflok, tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali billi tordna li t-talba tar-rikorrent ghall-liberta` provizjorja tigi deciza mill-Qorti Kriminali fid-dawl tal-principji hawn fuq elenkati, senjatament billi tirrevedi, jekk ikun il-kaz, dik il-kundizzjoni tal-liberta` provizorja billi jittiehed kont tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent u dan wara li dik il-Qorti tezamina l-provi li saru quddiem l-ewwel Qorti, li ghalihom ghandha ssir riferenza, u ta’ kwalunkwe provi ohra li jkunu xierqa u opportuni biex dik il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.

Tordna li l-atti tal-kawza u kopja ta’ din is-sentenza jigu mghoddija lill-imsemmija Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi skont it-termini taghha.

L-ispejjez, sija tal-ewwel istanza, kif ukoll ta’ din l-istanza, ghandhom fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------